# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Lulju 2002 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Awissu 2002 fis-6.30p.m.
   Il- Ħadd 1 ta' Settembru 2002 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 15 ta' Settembru 2002 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ottubru 2002 fil-5.00p.m.
   Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.elanguest.com/girgenti/

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 51 LULJU 2002 JITQASSAM BLA ĦLAS



*L-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti waqt il-laqgħa ta' Mejju 2002*

## SITTAX-IL SENA ILU FIL-GIRGENTI...

Kien sewwa sew fil-5 ta' Mejju 1986 li Ġuża Mifsud tellgħet fil-Girgenti l-istatwa tal-Madonna. Dakinhar l-istatwa, xogħol l-iskultur Anton Agius, nħarġet mid-dar ta' Ġuża u tgħabbiet fuq karozza li wasslitha sa ħdejn it-Troll. Minn hemmhekk ntrefgħet fuq l-ispallejn filwaqt li l-poplu mexa warajha u ngħad ir-rużarju. Meta dak iż-żmien Ġuża ġiet mistoqsija jekk kellhiex permessi mill-Gvern jew mill-Knisja, hija wieġbet, "Kelli l-permess tal-Madonna."

Għaddew sittax-il sena minn dik il-ġurnata memorabbli. Apparti li n-nies jitilgħu f'kull ħin tal-ġurnata, bdew jiġu organizzati wkoll laqgħat ta' talb, liema laqgħat għadhom isiru kull l-ewwel u tielet Ħadd ta' kull xahar.

### Il-5 ta' Mejju 2002

Naturalment, fl-ewwel Ħadd ta' Mejju il-laqgħa tkun organizzata aktar bi kbir sabiex jitfakkar l-anniversarju minn meta ttellgħet l-istatwa tal-Madonna. L-istess ġara din is-sena, eżattament fil-5 ta' Mejju 2002. Bħal kull sena l-laqgħa bdiet b'pellegrinagg minn ħdejn it-Troll fejn id-devoti mxew wara l-Kurċifiss u l-bandalora tal-Madonna filwaqt li b'devozzjoni rreċitaw ir-rużarju li offrew għall-bżonnijiet tal-proxxmu u għall- paċi fid-dinja.

Meta l-ġemgħa waslet fil-post tal-laqgħa, tkanta l-innu tal-Madonna, saret il-viżita lill-Madonna u ntqalet it-talba tal-Konsagrazzjoni. Aktar tard saret dik li ngħidulha ċ-ċeremonja tal-qampiena. Għal min mhux midħla tal-Girgenti, ngħid li kien hemm persuna li kienet tidgħi ħafna u kkonvertiet. Din il-persuna tat il-flus lil Ġuża sabiex tagħmel qanpiena fil-Girgenti ħalli bl-ilsien tagħha l-qanpiena tagħti tifħir lil Alla u tpatti għad-dagħa li kienet tidgħi. Aktar tard Ġuża kienet qalet li l-Madonna qaltilha sabiex waqt kull laqgħa jindaqqu ħames tokki, tlieta f'ġieħ il-tliet Persuni Divini tas-Santissima Trinita, oħra f'ġieħ il-Madonna u l-aħħar waħda f'ġieħ San Ġużepp u s-sema kollha.

## Il-knisja trid tfittex issir

Eżatt wara nstemgħet il-vuċi ta' Ġuża li wasslet messaġġ qasir li kienet irrekordjat fuq cassette f'April 1988. F'din is-silta Ġuża qalet hekk, "Għalhekk ħuti maħbubin ħa nerġa' nkompli fuq dak il-kliem illi l-Madonna qaltli fil-lejl tas-Sibt, is-Sibt kienet it-tieni gurnata tax-xahar ta' April tas-sena 1988. Ma naqtgħux qalbna, il-Mulej u s-Sinjura tal-Ħajja qegħdin magħna, is-sema qegħda fuqna, is-sema qegħda tgħinna, jiena l-Id tal-Providenza t'Alla inħossha dejjem miegħi flimkien ma tar-Reġina tas-Sema li hija l-Madonna. Għalhekk dan li ħa ngħidilkom li l-Madonna qalithuli fil-passat u kemm f'dan illejl imqaddes tat-tieni ġurnata tax-xahar ta' April, bħalma għidtilkom illi ix-xewqa kbira tal-Madonna hi li din il-knisja tfittex issir, kemm biex tkun għas-servizz tagħna l-Maltin u l-Għawdxin u kemm għall-barranin. Dina l-ewwel minn dak li qaltli l-Madonna għax hemm ħafna iżjed x' għandu isir f'dan il-messaġġ, imma għal-lum jiena fuq dan il-messaġġ ħa nieqaf hawn.

Il-Madonna qaltli, "Ma jafux il-Maltin x'ġawhra preżżjuza hawn fuq dan illi inti qegħda titkellem f'dan il-post illi jiena irriservajt għalija. Hawnhekk huwa djamant kbir għal gżiritkom għax hawnhekk minbarra li trid tiġi l-osservanza ta' dak kollu li jiena għidtlek, li jiena ispirajtek fuqu, hawnhekk ħa jsir post turistiku ħafna, ħa jkun post magħżul kbir mit-turisti li jiġu jżurukom rigward ta' ħafna saċerdoti li għad iridu jiġu minn barra mill-gżejjer tagħkom hawnhekk jagħtu qima lill-Mulej, lis-Sema u lili għal dak kollu illi jiena mort nagħmel matul dan l-imbierek ta' messaġġ.

Il-Knisja għandna tinbeda u ma ddumx għaliex iż-żmien qiegħed jidħol, iż-żmien wasal biex din il-knisja tinbeda u tinbeda mill-aktar fis possibbli. Il-knisja bħalma għidtlek trid tkun irriservata għall-Mulej, Ġesu, l-Ispirtu s-Santu, jiena li jiena l-Madonna, l-għarus divin tiegħi San Ġużepp u l bqija tas-sema biex minn hawn is-sema ikollha tifħir u tifħir l-aktar kbir.

U għalhekk anka minn qed jiġi hawn kemm fil-passat u kemm fil-preżent, dan għalih u għad-dinja qiegħed jagħmel sagrifiċċji kbar, imma ta' dan is-sema



ħa tpattihulu u jiena ħa ngħidlek Binti illi l-knisja trid tkun ħafna umli, sempliċi, imneżża minn kull ħaġa li tiġbed l-għajn, li tiġbed l-għajn huwa li minn hawn jitla' ħafna tifħir lis-sema adorrabbli t'Alla. Hawnhekk għandu jkun biss post nadif mill-menti, mill-ħsieb, mill-ilsien u minn dak kollu li tirrakomanda d-dinja għall-pjaċiri qarrieqa tagħha...".

## Xbieħa frott l-esperjenza spiritwali

F'diskors li għamel Fr. Richard Grech, O.F.M, huwa qal, "Saċerdoti ħuti, ħuti fi Kristu, ulied Marija, nixtieq l-ewwel nett nesprimi s-sodisfazzjoni kbir tiegħi li qiegħed magħkom hawn illejla. Dawn il-manifestazzjonijiet reliġjużi għandhom ikunu għalina okkazzjoni biex nagħmlu esperjenza spiritwali...

L-Isqof Fulton Sheen fil-ktieb tiegħu "The World's First Love" fuq ommna Marija, jgħid: "Id-dinja qisha toħodha kontra tagħna għax aħna nagħmlu xbiehat, id-dinja toħodha kontra tagħna minħabba d-devozzjoni lejn il-Madonna, id-dinja saħansitra toħodha kontra tagħna minħabba t-twemmin tagħna fil-preżenza rejali ta' Ġesu fl-Ewkaristija."

U quddiem dawn l-isfidi tad-dinja, aħna bħala nsara kif irridu nwieġbu? L-ewwel nett ngħidu, iva dawn ix-xbihat iridhom Alla! Għaliex? Għax ikunu xbihat mhux frott il-kapaċita artistika biss ta' l-individwu imma jkunu wkoll espressjoni ta' dik l-esperjenza spiritwali li jkun għamel min għamilhom. Nieħdu l-Kurċifiss tagħna l-Belt, ħadmu l-Beatu tagħna, Fra Umile minn Petralia di Pintorno fi Sqallija. Dan il-Kurċifiss li jqanqal tant devozzjoni ma sarx minn xi ħadd li kellu biss dik il-kapaċità artistika li jonqox jew li jpitter xi ħaġa imma kien frott l-esperjenza spiritwali li l-Beatu Umile kien qiegħed jagħmel.

U l-istess bħal Kurċifiss, fix-xbieħa tal-Madonna li għandna hawnhekk, u s-santa li kont qed nara hemm ġew fil-kamra imħażża minn Ġuża, dik m'hijiex biss xbieħa tal-Madonna frott il-ġenju artistiku imma wkoll imnebbħa mill-esperjenza spiritwali li min ikun għamilha jew min ikun iddiskriviha jkun għadda minnha.

U allura dawn ix-xbihat jekk kif qed ngħid ikunu frott l-esperjenza spiritwali ta' min jagħmilhom, tafu x'ikunu dawk għalina? Ikunu bħal tieqa li tinfetaħ fuq l-infinit, tieqa li tinfetaħ fuq dak li huwa spiritwali, dak li hu etern. Fil-preżenza ta' dik ix-xbieħa li aħna għandna devozzjoni partikolari lejha, aħna nħossu li għal mument qegħdin induqu dak li hemm lil hemm minn din il-ħajja, fl-eternità.

Imbagħad l-Isqof Fulton Sheen jgħidilna wkoll, jikkritikawna lilna l-insara, lilna l-Kattoliċi għall-importanza li nagħtu lill-Ommna Marija fil-fidi tagħna u fil-prattika tal-fidi tagħna. U jgħid l-Isqof Fulton Sheen, "Jekk Alla ried illi l-Madonna jkollha rwol speċjali fil-ħajja ta' binha Ġesu, min aħna aħna biex ngħidu illi l-Madonna m'għandhiex ikollha dak il-rwol speċjali fil-ħajja tagħna ta' nsara jekk irridu nkunu nsara ta' veri u mhux taparsi? U jekk Ġesu stess kif naraw fil-

vanġelu fuq is-salib ried li ommu Marija bħalma kellha rwol speċjali fil-ħajja tiegħu, ikollha rwol speċjali fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minn dawk li kellhom ikunu miegħu, aħna jinħtieġ nifhmu li ma tistax tkun nisrani tajjeb jekk ma jkollokx devozzjoni vera lejn il-Madonna, lejn Marija Omm Ġesu. Imma isma' x'qed ngħid! Devozzjoni vera.

Ma tistax tkun devot vera tal-Madonna jekk inti ma tagħmilx tiegħek dak li kienet tgħid, dak li kienet tagħmel il-Madonna. U f'din id-dinja li qegħdin ngħixu fiha, ta' storbju, il-Madonna tħeġġiġna nagħmlu żgur żewġ affarijiet, ejja ngħidu tlieta, bħalma kien jagħmel San Ġużepp l-għarus kastissimu tagħha.

L-ewwel li nisimgħu, imma biex tisma inti trid tiskott u ssikket. Issikket il-ħsejjes ta' barra u tiskot inti ġewwa fik ħalli inti tkun kapaċi tisma' l-leħen li qiegħed ikellmek. Imma mbagħad il-Madonna ma kinitx biss tisma', il-Madonna kien jgħidilna wkoll San Luqa fl-evanġelju, kienet ukoll tixtarr, kienet toqgħod taħseb bejna u bejn ruħha fuq dak li kien jingħad, fuq dawk il-ġrajjiet li kienu qegħdin iseħħu fiha u madwarha. U fis-soċjetà ta' storbju li qegħdin ngħixu fiha l-bniedem għandu bżonn jerġa' jirkupra l-kapaċità li jiskot, li jisma', li jaħseb, li jirrifletti. Naturalment, it-tielet ħaġa li l-Madonna tħeġġiġna nagħmlu, anka fuq l-eżempju tal-missier putattiv ta' Ġesu, San Ġużepp, huwa li ngħożżu s-silenzju.

Jekk il-Bambin irid, ftit ġranet oħra, aħna niċċelebraw l-ewwel sena minn meta ġie l-Papa fostna biex jibbejatifika lil ħutna Maltin, il-Beatu Dun Ġorġ Preca, il-Beatu Nazzju Falzon u l-Beata Swor Maria Adeodata Pisani. U ħeġġiġna l-Papa, qalilna, "Hemm bżonn ta' evanġelizazzjoni ġdida."

U xi tfisser evanġelizzazzjoni ġdida? Tfisser li mhux tmur ixxandar x'għamel Ġesu, x'għamel Alla mal-Madonna, imma tmur ixxandar x'qed jagħmel Alla, x'qed tagħmel il-Madonna, x'qed jagħmel Ġesu miegħek, fuq il-post tax-xogħol, fil-postijiet tad-divertiment, fid-djar fejn inti tgħix, kullimkien, li inti titkellem ma' l-oħrajn fuq l-esperjenza t'Alla f'ħajtek, dak li Alla qiegħed jagħmel miegħek.

Imma nisthajjel illi l-lejla, qabel ma nitilqu minn hawn il-Madonna tixtieq li tfakkarna f'xi ħaġa. X'ngħidu fil-Kredu? Jiena nemmen f'Alla il-Missier li jista' kollox. Xi ħaġa li Marija għamlet esperjenza tagħha fit-tħabbira ta' l-anġlu. Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir. U allura jinħtieġ illi l-kbarat tad-dinja jifhmu illi mhux is-soluzzjonijiet tagħhom jirranġaw il-gwaj li ġie fuq id-dinja anka minn Settembru 'l hawn, imma billi l-bniedem jerġa' jdur fil-moħħ, fil-qalb, fil-ħajja tiegħu lejn Alla mill-ġdid.

L-aħħar ħaġa li nixtieq li nħeġġeġ lilna lkoll li nagħmlu, l-isfida li l-Knisja għandha quddiemha llum m'hijiex biss biex tkun preżenti fost id-dinja pagana imma fost tant insara ħutna illi m'humiex qed joqogħdu hafna għal dak li tixtieq il-Madonna.

U x'tixtieq il-Madonna? Biżżejjed inħarsu lejn l-Atti ta' l-Appostli, fejn minn hawn u ftit ieħor ser niċċelebraw anka Pentekoste; l-Atti ta' l-Appostli San Luqa wkoll jiddeskrivi kif kienu l-ewlenin insara, l-ewwel komunita' nisranija. Kif kienet l-ewwel komunita' nisranija? Ħaġa waħda, mingħajr firdiet.

Jiena nixtieq nagħlaq dawn il-kelmiet b'esperjenza ta' tifla żgħira fl-iskola fejn immur f'Tas-Sliema. Qaltli, "Father, jien ħassejt sew meta kelli l-Ostja f'idi? Ħassejt biżgħa kbir, ħassejt ferħ kbir u ħassejt dispjaċir kbir." Għidtilha, "Binti, jiena ilni saċerdot 23 sena u kull darba li nqaddes l-istess bhalek inħoss jien, biżgħa kbir għax meta inti tgħid, 'Ara x'kobor! Alla qiegħed f'idejja, bniedem mimli dnubiet. Ferħ kbir għax ngħid Alla ma joqgħodx iħares lejn il-miżerja tagħna l-bnedmin imma jabbanduna ruħu f'idejna, qisu qed jgħidilna, 'Ara tant nafdakom, tant inħobbkom, li nintelaq f'idejkom, agħmlu bija li tridu.' U dispjaċir kbir għax min jaf kemm-il darba jkollna l-Ostja f'idejna, għandek il-Ġenna f'idejk u inti moħħok imxerred. U dispjaċir kbir ukoll taf għaliex? Għax kapaċi ma ngħaddux mingħajr sigarett u biċċa ħobż bil-ġobon u mbagħad tqarbina nittraskurawha, inħalluha, qisu ma ġara xejn.

Kif jista' jkun inti tgħix tajjeb, tagħmel it-tajjeb u taħrab il-ħażin jekk inti tittraskura l-Ewkaristija fil-ħajja tiegħek? ¬ertament, Marija li llum insejħulha tal-Konsagrazzjoni hija wkoll persuna Ewkaristika għax għamlet u mhux biss tatna lil Ġesu. Fulton Sheen f'dak il-ktieb li semmejtilkom jgħidilna, qed niddedika dan il-ktieb lil dik il-mara li daqs kull saċerdot u aktar minn kull saċerdot tista' tgħid, "Dan ġismi u dan demmi."

Mhux biss Ewkaristika għax tatna lil Ġesu li sar Ewkaristija għalina imma għax saret ukoll bil-ħajja tagħha Ewkaristija. U dik li l-Madonna qegħda ssejħilna biex inkunu. Qed tgħidilna, "Kunu intom ukoll bħal Ibni Ġesu, Ewkaristija: sagrament ta' tifħir, ta' ringrazzjament, ta' riparazzjoni, ta' tpattija, ta' nterċessjoni quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

## Għeluq

Din il-laqgħa kompliet tissebbaħ bil-vuċijiet ħelwin tal-kor tat-tfal, Cantores Sancti Juliani li kanta diversi innijiet fosthom Fil-Hlewwa ta' Mejju, Ave Maria, Ġbartna Flimkien Mulej, As I Kneel Before You u l-Angelus.

L-attendenza għal din il-laqgħa kienet numeruża ħafna, xhieda ħajja li s-siġra li ħawlet Ġuża baqgħet tagħti l-frott. Żgur li mis-sema qegħda titlob ħafna sabiex il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jkompli jissaħħaħ u jikber ħalli d-devozzjoni lejn dan it-titolu ġdid tkompli tinxtered mad-dinja kollha.

# GRAZZJI MAGĦLUGĦA

**N.N. kitbet hekk:** Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna talli żammet idejha fuq missieri li kellu inċident tat-traffiku. Grazzi lill-Qalb Immakolata tagħha; mar kollox sew.

**D. Cuschieri minn Raħal Ġdid** tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni tal-grazzji li qalgħet.

**A. P. Fenech minn Birżebbugia** kitbet: Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-fejqan li tatni. Kont muġugħa ħafna u t-tabib ħaseb li għandi xi ġebel fil-marrara. Meta tlabt lill-Madonna ħassejt fejqan fil-pront u l-uġigħ marli. L-għada mort nagħmel l-*ultrasound* u ma sabuli xejn. Nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni ta' dan il-fejqan.

**Joe u Jane Vassallo minn Ħal-Balzan kitbu hekk:** Il-familja Vassallo tirringrazzja lil Alla, lill-Madonna tal-Girgenti u lil San Ġużepp għall-grazzja li qalgħu fir-rigward ta' l-operazzjoni serjissima ta' binthom fis-sinsla ta' dahrha. Bil-ħniena ta' Alla u tal-Madonna l-operazzjoni għaddiet b'wiċċ il-ġid u bil-mod il-mod it-tifla qegħda tieħu saħħitha u dejjem għaddejja għall-aħjar.

**A. Farrugia minn Santa Venera** jirringrazzja lill-Madonna tal-grazzja li qalgħet il-mara tiegħu li għamlet operazzjoni tal-*by-pass* li rnexxiet.

**N.N. u ommu** jirringrazzjaw il-Madonna u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja li qalgħu. It-tifel kien ser jagħma iżda kellu fejqan.

**N.N. minn tas-Sliema** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-opportunita' li kellha li tavvanza fix-xogħol tagħha, liema opportunita' kien ilha tistenna ħafna żmien u għas-soluzzjoni li sabet għall-problemi oħra li kellha.



**N.N qaltilna**: Nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qlajt. Sa minn Novembru r-raġel kellu sogħla li ma riedet tgħaddilu b'xejn. Xorob mill-ilma tal-Girgenti u s-sogħla għaddietlu.

**A. Ciantar kitbet** illi talbet lil Ġuża Mifsud tinterċedi quddiem Alla għall-konverżjoni ta' ħuwha li kien fl-aħħar mumenti ta' ħajtu. Il-Bambin ta l-grazzja li qabel ma miet, ħuwha rċieva l-Griżma tal-morda u s-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin.

**J. Attard minn Ħaż-Żabbar** tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

**H. Abela minn Birkirkara** tirringrazzja lil Alla u lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet. Hi kienet telgħet il-Girgenti titlob lill-Madonna sabiex it-tifla tagħha jkollha ħlas normali peress li l-ewwel tarbija kienet xtratha b'ċesarja. It-tifla ħelset b'mod normali.

**R.V. minn Santa Venera** tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja li qalgħet.

**Koppja li spiss jitilgħu il-Girgenti** jirringrazzjaw lil Alla u l-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja li qalgħet binthom. It-tifla waqt li kienet għaddejja mill-By-Pass ta' l-Imrieħel bi speed kbir, tilfet il-kontroll tal-karozza, ħabtet u inqalbet iżda hi ma ġralha xejn. Il-karozza waqfet ftit metri 'l bogħod minn statwa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni li hemm fil-post.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*